



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13254/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0347(NLE)

ENV 789
CLIMA 327
MED 52
ONU 107
MI 775

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 667 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Regġun Kostali tal-Mediterran (il-“Konvenzjoni ta' Barċellona”) dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 667 final.

Mehmuż: COM(2021) 667 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2021
COM(2021) 667 final

2021/0347 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-“Konvenzjoni ta’ Barċellona”) dwar l-adozzjoni ta’ Deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis (il-“Konvenzjoni ta’ Barċellona”) u l-Protokolli tagħha b’rabta mal-adozzjoni prevista ta’ deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art

Il-Konvenzjoni ta’ Barċellona u s-seba’ Protokolli tagħha adottati bħala parti mill-Pjan ta’ Azzjoni għall-Mediterran jikkostitwixxu l-ftehim ambjentali multilaterali reġjonali vinkolanti prinċipali għall-Baħar Mediterran.

Il-Protokoll LBS huwa wieħed mis-seba’ Protokolli tal-Konvenzjoni ta’ Barċellona. Dan għandu l-għan li jieħu l-miżuri xierqa biex jipprevjeni, inaqqas u jelimina kemm jista’ jkun it-tniġġis tal-Baħar Mediterran minn sorsi u attivitàjiet ibbażati fuq l-art, billi jnaqqas u jneħħi gradwalment is-sustanzi tossiċi u persistenti elenkati fil-Protokoll. Il-Protokoll LBS daħal fis-seħħ fl-1983.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Protokoll LBS (emendat)¹.

2.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha tiġbor flimkien Ministri u uffiċjali għolja li jirrappreżentaw lill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha.

Skont l-Artikolu 16 tal-Protokoll LBS, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Barċellona relatati ma’ kwalunkwe Protokoll għandhom japplikaw għal dan il-Protokoll.

Skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta’ Barċellona, l-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”) għandha teżerċita d-dritt tal-vot tagħha b’għadd ta’ voti daqs l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni u għal protokoll wieħed jew aktar. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt tal-vot tagħha meta l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw id-dritt tagħhom u viċeversa.

Skont l-Artikolu 22(3) tal-Konvenzjoni ta’ Barċellona, l-emendi f’xi protokoll għandhom jiġu adottati b’vot ta’ maġġoranza ta’ tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti għal dak il-protokoll.

2.3. L-att previst tat-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha

Tul it-22 laqgħa tagħhom bejn is-7 u l-10 ta’ Diċembru 2021, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokolli tagħha għandhom jadottaw Deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll LBS b’rabta mal-protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-tniġġis minn sorsi u attivitàjiet ibbażati fuq l-art (“l-att previst”).

¹ ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18-31.

L-att previst għandu l-għan li jqis l-iżviluppi regolatorji, xjentifiċi u tekniċi relatati mas-sorsi u l-attivitajiet ibbażati fuq l-art li nkisbu fil-livell reġjonali u dinji, inkluż l-iżviluppi rilevanti skont is-sistema tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Mediterran u l-Konvenzjoni ta' Barċellona, b'enfasi partikolari fuq dawk l-iżviluppi relatati mal-implimentazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema biex jinkiseb status ambjentali tajjeb fil-Baħar Mediterran.

L-emendi fl-Annessi tal-Protokoll LBS se jkunu vinkolanti għall-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Kemm-il darba ġie rikonoxxut il-bżonn li jitħarsu l-bijodiversità u l-ekosistemi marini tal-Baħar Mediterran, inkluż fiż-żoni marittimi lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

L-emendi fl-Annessi I, II u IV tal-Protokoll LBS għandhom l-għan li jqisu l-iżviluppi regolatorji, xjentifiċi u tekniċi relatati mas-sorsi u l-attivitajiet ibbażati fuq l-art li nkisbu fil-livell reġjonali u dinji. B'mod partikolari, l-emendi proposti jikkonċernaw l-aġġornament tas-setturi li huma soġġetti għall-elaborazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri skont l-Anness I tal-Protokoll; l-aġġornament tal-kategoriji tas-sustanzi fl-Anness I tal-Protokoll; it-tishiġ ta' għadd ta' elementi ġodda, eż. l-istorbju u d-dawl artifiċjali, li lkoll għandhom jittqiesu tul il-proċess tal-awtorizzazzjoni skont l-Anness II tal-Protokoll. L-emendi fl-Anness IV jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' għodod tal-konsum u tal-produzzjoni sostenibbli, b'mod partikolari approċċi tal-ekonomija ċirkolari fil-proċessi tal-produzzjoni.

Fid-dawl tat-22 laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, jeħtieġ tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-att previst għax dan se jemenda l-Annessi tal-Protokoll LBS, li se jkunu vinkolanti għall-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona. Peress li l-emendi fl-Annessi se jaġġornaw ir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran, se jimmodifikaw l-impenji u l-ambizzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni, u se jtejbu l-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-att previst.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Barċellona.

L-att previst se jemenda l-Annessi ta' wieħed mill-Protokolli tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, jiġifieri l-Protokoll LBS. Għalhekk, l-adozzjoni tiegħu tikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan u l-kontenut ewlieni tal-att previst huma relatati mal-protezzjoni tal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-“Konvenzjoni ta’ Barċellona”) dwar l-adozzjoni ta’ Deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikulari l-Artikolu 192(1), moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis (il-“Konvenzjoni ta’ Barċellona”) għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE² u daħal fis-seħħ fil-11 ta’ Mejju 2008.
- (2) Skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta’ Barċellona, il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokoll tagħha jistgħu jadottaw emendi għall-protokoll tal-Konvenzjoni.
- (3) Tul it-22 laqgħa tagħhom bejn is-7 u l-10 ta’ Diċembru 2021, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokoll tagħha għandhom jadottaw Deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”) biex iqisu l-iżviluppi regolatorji, xjentifiċi u tekniċi relatati mas-sorsi u l-attivitàjiet ibbażati fuq l-art li nkisbu fil-livell reġjonali u dinji.
- (4) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta’ Barċellona u l-Protokoll tagħha jeħtieġ tiġi stabbilita għax id-Deċiżjoni se tadotta emendi fl-Annessi I, II u IV tal-Protokoll LBS li se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Peress li l-emendi previsti fl-Annessi I, II u IV se jaġġornaw ir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran, se jaffettwaw l-impenji u l-ambizzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni, u se jtejbu l-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni,

² ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18-31.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tul it-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Tniġġis minn Sorsi u Attivitàjiet Ibbażati fuq l-Art (il-“Protokoll LBS”).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President